Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu għall-Knisja biex tirċievi mingħand l-Ispirtu s-Santu l-grazzja u l-forza li ġġedded lilha nfisha fid-dawl tal-Vanġelu.



**Qari:** *Siltiet mill-Enċiklika* Evangelii Gaudium – *46, 49*

Il-Knisja li "toħroġ" hi Knisja bil-bibien tagħha miftuħa. Toħroġ għal għand l-oħrajn biex tilħaq il-periferiji umani, ma jfissirx tiġri lejn id-dinja bla ebda direzzjoni jew sens ta' xejn. (46) Ejjew noħorġu, noħorġu biex noffru lil kulħadd il-ħajja ta' Ġesù Kristu. Intenni hawn għall-Knisja kollha dak li spiss għidt lis-saċerdoti u l-lajċi ta' Buenos Aires: nippreferi Knisja miġruħa, feruta u maħmuġa għax toħroġ fit-toroq, milli Knisja marida bl-għeluq u bil-kumdità taċ-ċertezzi li magħhom hi ggranfata. Ma rridx Knisja moħħha li tkun fiċ-ċentru iżda tispiċċa magħluqa f'taħbila ta' ossessjonijiet u proċeduri. Jekk hemm xi ħaġa li bir-raġun kollu għandha tinkwetana u tħassibna fil-kuxjenza tagħna hi li tant minn ħutna qed jgħixu mingħajr il-qawwa, id-dawl u l-faraġ tal-ħbiberija ma' Ġesù Kristu, mingħajr komunità ta' fidi li tilqagħhom għandha, mingħajr ebda xefaq ta' sens u ta' ħajja. Iktar milli l-biża' li niżbaljaw, nittama li dak li jħarrikna jkun il-biża' li ningħalqu fl-istrutturi li jagħtuna protezzjoni falza, fin-normi li jibdluna fi mħallfin bla ħniena, fid-drawwiet li fihom inħossuna trankwilli, waqt li hemm barra hemm folla kbira mġewħa u Ġesù li qed itennilna bla heda: "Agħtuhom intom x'jieklu" (Mk 6:37) (49).

Mulej, nirringrazzjawk tal-ġid kollu li tagħmel mal-Knisja tiegħek
permezz tal-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.
Nirringrazzjawk għax bl-għajnuna tiegħek,
minkejja d-diffikultajiet li tiltaqa' magħhom,
il-Knisja tfittex il-forza biex iġġedded lilha nnifisha fid-dawl tal-Vanġelu.
Nitolbuk, Mulej, biex tkompli tqanqal lill-Papa
biex imexxina u jiggwidana biex inkunu
komunità ta' fidi li tilqa' lil kulħadd,
speċjalment lil dawk imwarrbin u mitluqin fil-ġenb.

Għinna, Mulej, ħalli nilqgħu l-istedina tal-Papa
biex nitilqu mill-*comfort zone* tagħna,
sabiex ikollna l-kuraġġ li ninfetħu iktar għall-oħrajn.
Kun int l-għajnuna tagħna
biex inwasslu t-tama u l-imħabba lil kulħadd,
biex b'hekk ma jkun hawn ħadd li jkun qed jgħix
mingħajr il-qawwa, id-dawl u l-faraġ tal-ħbiberija ma' Ġesù Kristu.
Mulej, il-Papa qalilna li komunità li tevanġelizza hi komunità
li tmiss il-ġisem ta' Kristu li jbati fil-poplu tiegħu.
Nitolbuk, Mulej, sabiex timliena bid-dehen u l-kuraġġ
ħalli nkunu kapaċi nħarsu madwarna
u naraw il-bżonnijet u l-weġgħat tal-oħrajn.
Għinna, Mulej, biex il-knisja tkun, kif qal il-Papa,
id-dar miftuħa tal-Missier, lesta li tilqa' lil kulħadd.
Imliena bil-ħerqa u ż-żelu
biex ningħataw għas-servizz tal-oħrajn,
speċjalment għall-foqra u l-morda, għal dawk li huma minsija,
u li qegħdin imwarrbin fil-ġenb tat-triq, u speċjalment għal dawk
li "ma għandhomx minn fejn iroddulek pjaċir bi pjaċir" (Lq 14:14).
Agħmel, Mulej, li aħna nkunu, kif qalilna l-Papa,
evanġelizzaturi li għandhom ir-"riħa tan-nagħaġ",
ħalli huma jisimgħu leħinna u jħalluna nressquhom għandek,
fejn huma jsibu l-fejqan, is-sliem u t-tama.
Fuq kollox, Mulej, għinna ħalli nkunu, kif qal il-Papa Franġisku,
komunità li tevanġelizza "*b'għemejjel u ġesti,*
*li tidħol fil-ħajja ta' kuljum tal-oħrajn*
*li tqassar id-distanzi, li tkun lesta li titbaxxa*
*sal-punt tal-umiljazzjoni jekk hemm bżonn,*
*u tħaddan il-ħajja umana, biex b'hekk*
*tmiss il-ġisem ta' Kristu li jbati fil-poplu tiegħu*".

**KANT**

**Qari:** *Minn diskors ta' Papa Franġisku waqt laqgħa mas-saċerdoti, ir-reliġjużi u s-seminaristi f'Sarajevo f'Ġunju 2015*

Għeżież saċerdoti u reliġjużi, ninkuraġġikom biex tibqgħu twettqu bil-ferħ is-servizz pastorali tagħkom, li jagħmel il-frott skont il-fidi u l-grazzja, imma anki skont ix-xhieda ta' ħajja umli u mbiegħda mill-interessi tad-dinja. Nitlobkom, taqgħux fit-tentazzjoni li ssiru xi speċi ta' *elite* magħluqa fiha nfisha. Ix-xhieda saċerdotali u reliġjuża ġeneruża u trasparenti hi ta' eżempju u kuraġġ għas-seminaristi u għal dawk kollha li l-Mulej qed isejjaħ biex jaqduh. Kunu qrib taż-żgħażagħ, stednuhom jaqsmu magħkom xi esperjenzi ta' qadi u ta' talb, u hekk tkunu qed tgħinuhom jiskopru l-imħabba ta' Kristu u jiftħu qalbhom għas-sejħa tal-Mulej. Jalla l-fidili lajċi jkunu jistgħu jaraw fikom dik l-imħabba fidila u ġeneruża li Kristu ħalla bħala testment lid-dixxipli tiegħu.

Mulej, nitolbu għall-Knisja biex tirċievi mingħand l-Ispirtu s-Santu
l-grazzja u l-forza li ġġedded lilha nnifisha fid-dawl tal-Vanġelju,
biex tkun tista' tgħin lil dawk kollha li qed ifttxu lil Ġesù,
biex jiltaqgħu ma' Kristu ħaj u attiv fil-Knisja tiegħu.
Mulej, Ġesù "ġie mhux biex ikun moqdi imma biex jaqdi
u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (Mk 10:45).
Nitolbuk, Mulej, biex tagħti l-għajnuna lill-Knisja tiegħek
biex tkun xhieda ta' ħajja umli u mbiegħda mill-interessi tad-dinja.
Mulej, donnu bħalissa għaddejjin minn perjodu ta' dlam,
perjodu fejn donnu l-bniedem qed ifittex li jgħix mingħajrek.
Fl-istess ħin, il-bniedem, forsi mingħajr ma jaf,
qiegħed jistenna Evanġelju li jeħles, li joffrilu dawl fid-dlam.
Mulej, permezz tal-Evanġelju inti tħabbrilna l-imħabba tiegħek.
Nitolbuk sabiex sew reliġjużi, saċerdoti,kif ukoll lajċi,
jaċċettaw l-isfida, f'dinja li kull ma tmur qed issir aktar atea,
biex iwasslu l-bxara t-tajba lil kulħadd.
Għinna biex nieħdu sehem f'din l-evanġelizzazzjoni l-ġdida
billi, permezz ta' relazzjoni personali miegħek,
inkunu kapaċi nagħrfu l-imħabba ħanina tiegħek bħala Missier
u b'hekk aħna nsiru strumenti ta' salvazzjoni għal ħutna.

Mulej, għin lill-Knisja biex toffri lill-bnedmin tal-lum
tweġibiet koerenti msejsin fuq id-dawl tal-Evanġelju.
Agħti lill-Knisja d-dehen u l-għaqal biex tkun kapaċi
tagħraf timxi magħhom pass pass f'ħajjithom
u tkun għalihom xhieda ta' fidi ħajja.
Għin lilna lkoll biex inħarsu lejn Ġesù Kristu
bħala mudell ta' qadi biex, kif qal il-Papa Franġisku, inkunu kapaċi
"nidħlu fil-qalba tas-soċjetà, naqsmu l-ħajja ma' kulħadd, nisimgħu l-inkwiet tagħhom, ngħinuhom materjalment u spiritwalment fil-ħtiġijiet tagħhom, nifirħu ma' min jifraħ, nibku ma' min jibki u nħabirku fil-bini ta' dinja ġdida, spalla ma' spalla mal-oħrajn".
Fuq kollox, Mulej, għinna biex dan ma nagħmluhx
qisu kien xi obbligu jew piż li jtaqqalna,
imma bħala għażla personali li tfawwarna bil-ferħ u tagħtina identità.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Għinna Mulej sabiex ikollna l-kuraġġ li nwarrbu l-egoiżmu tagħna u l-kumditajiet tagħna biex inwassluk għand kulħadd, bla ebda eċċezzjoni.
Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk biex tagħti l-grazzja tiegħek lis-saċerdoti, lir-reliġjużi u lill-operaturi pastorali sabiex huma jimtlew bil-ħeġġa biex jgħinu lill-oħrajn u biex ma jfittxux il-poter jew il-glorja umana fil-ħidma tagħhom ma' min hu fil-bżonn. Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej Ġesù, nitolbuk sabiex il-Knisja tibqa' tisma' leħnek fil-ħajja ta' kuljum, sabiex b'hekk ikollha l-kuraġġ tkun xhieda ħajja tal-kelma tiegħek u biex tkompli tikber fil-fidi u tippersevera fil-għażla tagħha li tpoġġi ħajjitha f'idejk għas-servizz tal-oħrajn.
Nitolbu.... Ismagħna nitolbuk Mulej

Nitolbuk Mulej sabiex tgħin lilna l-lajċi ħalli nkunu lesti li nimxu fuq il-passi ta' Ġesù u biex ma naħarbux minn kull impenn li jista' joħdilna mill-ħin liberu tagħna. Agħtina l-grazzja biex ma nagħlqux għajnejna quddiem il-bżonnijiet tal-oħrajn u biex inkunu lesti sabiex naħdmu qalb il-foqra, l-imweġġgħin u l-imwarrbin fis-soċjetà tagħna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Agħmel Mulej li l-ħarsa tas-saċerdoti, tar-reliġjużi u tal-lajċi impenjati tkun dejjem fuq Ibnek Ġesù, ħalli jispirahom sabiex huma jagħrfu jkunu qaddejja, u permezz tax-xhieda ħajja tagħhom, huma jkunu kapaċi jwasslu lil Ġesù Kristu lill-bnedmin ta' żmienna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nirringrazzjawk għal dawk l-Insara li jagħtu ħajjithom għall-imħabba. Nitolbu għal dawk li jaħdmu qalb il-morda, fost persuni li jisfaw ilsiera ta' bosta dipendenzi, għal dawk li jieħdu ħsieb tal-anzjani mitluqa minn kulħadd, kif ukoll għal dawk li jfittxu li jgħaddu l-valuri f'ambjenti ostili. Agħtihom is-saħħa, Mulej, sabiex, imdawlin mit-tagħlim ta' ibnek Ġesù, jibqgħu jkunu xhieda tal-imħabba kbira tiegħek.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.